MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2009

Numru 313/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Muscat**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Muscat (bin Joseph u Rita nee Camilleri, imwieled fit-12 ta' Novembru 1964, detentur tal-karta tal-identita` nru 44364G) talli matul ix-xhar ta' Marzu [2009] naqas li jissomministra lil martu Mary Carmen Xiberras is-somma ta' €349.40 bhala manteniment, u dan skond kif miftiehem bejn iz-zewg partijiet f'kuntratt maghmul quddiem in-Nutar Dr Christian Zammit datat 9/11/2007;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-16 ta' Lulju 2009, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Anthony Muscat hati skond l-imputazzjoni

dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta' gimgha detenzjoni;

Rat is-rikors ta' appell tal-imsemmi Anthony Muscat, minnu pprezentat fir-23 ta' Lulju 2009, li permezz tieghu huwa talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

L-aggravji tal-appellant huma hamsa, u jistghu jigu sintetizzati hekk: (1) illi l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti ghax galadarba, fuq bazi ta' probabbilita` il-hlas sar, allura kellha tillibera; (2) l-appellant wegga' serjament il-Milied li ghadda u ghalkemm baqa' jaghmel minn kollox biex jipprova jottempera ruhhu mal-obbligi tieghu naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni, l-ewwel qorti donna injorat dan il-fatt; (3) il-kumment li ghamlet l-ewwel qorti fis-sentenza taghha fis-sens li hija kienet ghamlet minn kollox biex twassal lill-imputat biex ihallas il-manteniment dovut f'diversi kawzi ohra kien ghal kollox superfluwu u l-istess kumment ma kellux, ghalhekk, "ikun ta' piz ghall-ewwel qorti biex twassal ghall-htija tar-rikorrenti"; (4) minghajr pregudizzju, il-piena kienet gravuza; u (5) "dan il-kaz instema' kontestwalment minghajr l-awtorizzazzjoni tal-istess Qorti".

Fl-udjenza tal-lum gie konstatat li aktar kmieni dan ix-xahar l-appellant effettivament hallas, permezz ta' cekk, dak minnu dovut bhala manteniment skond l-imputazzjoni kif dedotta, u ghalhekk l-Avukat Dott. Angelo Farrugia, ghall-appellant, prezenti u konsenzjenti, irtira l-ewwel aggravju. Kwantu ghar-raba' aggravju, dan semplicement ma jaghmilx sens, ghax qorti m'ghandhiex ghalfejn tawtorizza lilha nnifisha biex kawza, jew, proprjament aktar minn kawza wahda li jkunu jitrattaw l-istess meritu, tinstema' kontestwalment ma' kawza jew kawzi ohra.

Mill-provi jirrizulta li l-appellant sa minn Jannar 2008 – cioe` <u>hafna u hafna qabel</u> ma allegatament wegga' – beda

jkun regolarment moruz fil-hlas tal-menteniment pattwit, manteniment li, tajjeb li jinghad, huwa intiz ghat-tlett ulied li huwa u l-parti leza Mary Carmen Xiberras ghandhom u li ghadhom minorenni. B'hekk il-mara trid toqghod kull xahar taghmel rapport u titla' w tinzel il-Qorti biex forsi, wara xi zmien, l-appellant jiddeciedi li jhallasha, kif effettivament ghamel fil-mori ta' dana l-appell meta gie rinfaccjat b'piena karcerarja ta' detenzjoni. Fil-fatt mill-provi jirrizulta li hemm hafna xhur ohra li fir-rigward taghhom il-manteniment baqa' ma thallasx. Mill-provi li semghet din il-Qorti llum huwa altru milli evidenti li l-appellant qed jaghmel min kollox – anke jgib l-iskuza ta' mard jew ta' xi forma ta' inkapacita` fizika – biex jonqos mill-obbligi assunti minnu fil-kuntratt ta' separazzjoni. Ghalhekk din il-Qorti ma hi b'ebda mod impressjonata bil-fatt li, kif inghad, fil-bidu ta' dan ix-xahar huwa, fl-ahhar, hallas il-manteniment meritu ta' din il-kawza. Kien ikun differenti, forsi, li kieku mill-provi rrizulta li l-appellant verament iddecieda li jbiddel l-attitudini tieghu ta' sfida kapriccjuza lejn martu u lejn il-kuntratt ta' separazzjoni, u li ddecieda li jhallas dak kollu minnu dovut u li jkun puntwali fil-pagamenti. Il-Qorti zzid tghid li l-isfida msemmija tittraduci ruhha ghal sfida lejn l-awtorita` pubblika u tammonta ghal kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku. Din il-Qorti, ghalhekk, ma tistax takkolji l-aggravji numru 2 u 4. Kwantu ghall-aggravju – jekk jista' jissejjah hekk – numru 3, l-ewwel qorti kienet, fid-dawl tal-provi li semghat illum din il-Qorti, perfettament intitolata u gustifikata fil-kummenti taghha fis-sentenza appellata.

Ghall-motivi premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------